MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum id-19 ta' Ġunju, 2024

Rikors numru 8/2024 LM

Wara l-Mandat ta' Sekwestru Nru. 224/2023

**Daniel Aigner (Detentur tal-Karta ta' Identità Awstrijakka nru. 11581279) debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu l-Avv. Dr. Sarah Sultana (K.I. 0012581(M))**
*('l-appellata')*

***vs.***

**BP Group Limited (C 52434) ġia Betpoint Group Limited**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà intimata **BP Group Limited (C 52434) ġja Betpoint Group Limited** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta']

mid-digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'] fl-14 ta' Frar, 2024, fejn ċaħdet it-talba tagħha għat-tħassir u għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv Nru. 224/2023 fl-ismijiet **Daniel Aigner (Detentur tal-Karta ta' Identità Awstrijakka Numru. 11581279) debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu Avv. Dr. Sarah Sultana (K.I. 0012581(M)) v. BP Group Limited ġja Betpoint Group Limited** li kien ġie ippreżentat mir-rikorrenti **Daniel Aigner (Detentur tal-Karta tal-Identità Awstrijakka Numru. 11581279) debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu Avv. Dr. Sarah Sultana (K.I. 0012581(M)),** [minn issa 'l quddiem "l-appellata noe"].

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni huma dawn. Fit-23 ta' Jannar, 2023 l-appellata noe ppreżentat rikors b'talba għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv fil-konfront tas-soċjetà appellanta in segwitu għal Ordni ta' Ħlas Ewropew li nħarġet kontriha *ai termini* tas-subartikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 1896/2006 fi-21 ta' April, 2022 mill-Qorti "Bezirksgericht fur Handelssachen Wien" ġewwa Vienna, l-Awstrija.

**<u>Mertu</u>**

3. Is-soċjetà appellanta stitwiet proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti *ai termini* tas-subartikolu 281(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta permezz tal-preżentata ta' rikors fil-15 ta' Jannar, 2024 fil-konfront tal-appellata noe, fejn talbet għar-

revoka u għat-tħassir tal-imsemmi mandat ta' sekwestru stante li dan inħareġ kontra l-ordni pubblika ta' Malta.

4. L-appellata noe ppreżentat it-tweġiba tagħha fit-12 ta' Frar, 2024 fejn filwaqt li fissret ir-raġunijiet tagħha, hija sostniet li t-talba tas-soċjetà appellanta għandha tiġi miċħuda.

**Id-digriet appellat**

5. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti li wasluha għad-deċiżjoni tagħha:

> *"Il-proċedura odjerna istitwita mis-soċjetà Rikorrenti permezz ta' liema titlob it-tħassir u revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 224/2023 fl-ismijiet "Daniel Aigner debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu l-Avv. Dr. Sarah Sultana v. BP Group Ltd.", hija bbażata fuq l-Artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. In effetti l-istess soċjetà Rikorrenti fir-Rikors promotur tippremetti li* dan ir-rikors qiegħed isir ai termini ta' l-artikolu 281(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta (fn *1 Para. 11 tar-Rikors promotur, fol. 3 tal-proċess).*
>
> *L-Artikolu 281(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li* mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att e*żekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss għal raġuni valida skont il-liġi.*
>
> *Huwa ormai paċifiku fis-sistema ġuridika nostrali li l-*għan li għaliha ddaħħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innfisu li, bis-saħħa tiegħu, il-parti e*żekutata tbati preġudizzju.* Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi

jew xi liġi oħra. Illi l-liġi ma tgħidx x'tista' tkun "raġuni valida skont il-liġi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madanakollu, in ġenerali, jista' jingħad li **mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew ikun hemm xi difett fil-forma** *(fn. 2 Enfasi tal-Qorti.)* Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontro-Mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji *(fn. 3 Fl-Atti tal-Mandat ta' Żgumbrament Numru 118/11 fl-ismijiet "HSBC Bank Malta p.l.c. v. Doris Conchin" – Digriet mogħti fit-28 ta' Lulju 2011. Konfermat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) b'sentenza pronunċjata fil-25 ta' Novembru 2011) – iżda l-Mandat in kwistjoni huwa Mandat Eżekuttiv u għaldaqstant il-Qorti trid u għandha tibqa' entro l-parametri ta' l-Artikolu 281(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' li tiddetermina jekk tali mandat inħariġx minn Qorti żbaljata jew fihx xi difett fil-forma.*

*Il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 231/2023 fl-ismijiet "Daniel Aigner debitament rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu l-Avv. Dr. Sarah Sultana v. BP Group Ltd" ġie ottenut in bażi għal Ordni ta' Ħlas Ewropea ai termini tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 1896/2006, maħruġ favur is-sekwestrant mill-Qorti ġewwa Vienna l-Awstrija fil-21 ta' April 2022, liema Ordni huwa meqjus u kkunsidrat bħala titolu eżekuttiv.*

*Dwar l-esegwibilità ta' Ordni ta' Ħlas Ewropea, l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 1896/2006 jipprovdi li:* 1. Jekk fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 16(2), b'konsiderazzjoni meħuda taż-żmien xieraq li jippermetti li tasal dikjarazzjoni, ma tkun ġiet imressqa l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni fil-qorti ta' oriġini, il-qorti ta' oriġini għandha mingħajr dewmien tiddikjara l-ordni ta' ħlas Ewropea esegwibbli, bl-użu tal-formola standard G kif stabbilit fl-Anness VII. Il-qorti ta' oriġini għandha tivverifika d-data ta' servizz. 2. Bla preġudizzju għall-paragrafu 1, ir-rekwiżiti formali għall-esegwebilità għandhom ikunu regolati mil-liġi ta l-Istat Membru ta' oriġini. 3. Il-qorti għandha tibgħat l-ordni ta' ħlas Ewropea esegwibbli lill-pretendent.

*Dwar l-infurzar ta' Ordni ta' Ħlas Ewropea, l-Artikolu 21 tar-Regolament imsemmi jipprovdi li:* 1. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, **proċeduri ta' infurzar għandhom jiġu regolati mil-liġi ta l-Istat membru tal-infurzar. Ordni ta' Ħlas Ewropea li tkun saret esegwibbli għandha tiġi nfurzata taħt l-istess kondizzjonijiet bħal deċiżjoni esegwibbli fl-Istat Membru ta infurzar** *(fn. 4 Enfasi tal-Qorti)* 2. Għall-infurzar fi Stat Membru ieħor, il-pretendent għandu jipprovdi lill-awtoritajiet ta' infurzar kompetenti ta' dak l-Istat membru b': (a) kopja ta l-ordni ta' ħlas Ewropea, kif dikjarata esegwibbli mill-qorti ta' oriġini, li tissodisfa l-kondizzjonijiet neċessarji biex tiġi stabbilita l-awtentiċità tagħha; u (b) fejn meħtieġ, traduzzjoni tal-ordni ta' ħlas Ewropea fil-lingwa uffiċjali tal-istat membru ta' infurzar

jew, jekk ikun hemm aktar minn lingwa uffiċjali waħda f'dak l-Istat Membru, il-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali tal-proċedimenti tal-qorti tal-post fejn ikun ġie mfittex l-infurzar, f'konformità mal-liġi ta' dak l-Istat Membru, jew f'lingwa oħra li l-Istat Membru ta' infurzar ikun indika li jista' jaċċetta. Kull Stat Membru jista' jindika l-lingwa jew lingwi uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea minbarra dawk tiegħu li hu jista' jaċċetta għall-ordni ta' ħlas Ewropea. It-traduzzjoni għandha tkun ċertifikata minn persuna kwalifikata biex tagħmel dan f'wieħed mill-Istati Membri. 3. L-ebda sigurtà, bond jew depożitu, deskritt kif deskritt, m'għandu jkun meħtieġ minn pretedent li fi Stat Membru wieħed japplika għal infurzar ta' ordni ta' ħlas Ewropea maħruġa fi Stat Membru ieħor minħabba li jkun ċittadin barrani jew li ma jkunx domiċiljat jew residenti fl-Istat Membru ta' infurzar.

*L-Artikolu 376 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: (*1) Il-kreditur għandu, fir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru, jindika sew l-isem u l-kunjoni tad-deb itur, u dettalji oħra dwar id-debitur kif jista' jkun ordnat mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja sabiex id-debitur ikun jista' jiġi identifikat mis-sekwestratarju. (2) Il-mandat għandu: (a) jindika l-isem u l-kunjom tad-debitur u xi dettalji ohra mniżżlin fir-rikors għall-identifikazzjoni tad-debitur, inkluża fejn huwa possibbli, in-numru ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu jew in-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpannija; (b) jindika s-somma jew il-ħaġa dovuta; (ċ) jindika t-titolu li bis-saħħa tiegħu l-kreditur jitlob l-eżekuzzjoni; (e) jordna lis-sekwestratarju li ma jħallasx jew ma jagħtix lid-debitur, jew lil xi persuna oħra, il-flus jew il-ħwejjeg li jistgħu jinsabu għandu u li huma tad-debitur, taħt piena ta' ħlas tad-danni u l-imgħax; u (e) jordna lis-sekwestratarju biex jiddepożita bi spejjeż tad-debitur fi żmien dstatax-il jum min-notifika tal-mandat, mar-Reġistratur xi flus jew ħwejjeg li jkunu proprjetà tad-debitur, issekwestrati bil-mandat. (3) Jekk is-sekwestru ma jkunx fih dawn id-detalji, ikun ipso jure null.

*Naturalment essendo t-titolu eżekuttiv fil-każ in eżami Ordni ta' Ħlas Ewropea, sabiex il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv seta' jinħareġ kellhom jiġu sodisfatti wkoll il-provvedimenti tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 1896/2006 appena ċitati.*

*Minn eżami tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 224/2023 jirriżulta immedjatament evidenti li r-rekwiżiti kollha meħtieġa kemm mill-Artikolu 376 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll mir-Regolament (UE) 1896/2006, għall-infurzar ta' titolu eżekuttiv konsistenti f'Ordni ta' Ħlas Ewropea ġew pjenatament sodisfatti. Jirriżulta wkoll li siccome l-ammont pretiż mis-sekwestrant huwa inqas minn €15,000, l-istess Mandat intalab lil u ġie maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ossia l-Qorti kompetenti ai termini tal-Liġi.*

*Minn dawn l-aspetti kollha għalhekk jirriżulta li ma hemm l-ebda difett fil-forma tal-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni u l-istess Mandat ma nħariġx minn Qorti żbaljata.*

*Minkejja dan però s-soċjetà Rikorrenti tikkontendi li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qatt ma messha ħarġet, anzi skontha lanqas biss setgħet toħroġ il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 224/2023 fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 56A tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-soċjetà Rikorrenti tikkontendi għalhekk li l-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni nħareġ b'mod żbaljat.*

*L-Artikolu 56A tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:* Minkejja kwalunkwe disposizzjoni tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u ta' kull liġi oħra bħala prinċipju ta' ordni pubblika: (a) l-ebda azzjoni ma tista' tinġieb fil-konfront ta' detentur ta' liċenzja u, jew uffiċjali u, jew persuni rilevanti, preżenti jew passati, ta' detentur ta' liċenzja fir-rigward ta' materji relatati mal-provvista ta' servizz tal-logħob, jew fil-konfront ta' ġugatur għax irċieva tali servizz tal-logħob, jekk dik l-azzjoni: (i) tikkonfliġġi ma', jew timmina, il-legalità tal-provvista ta' servizzi tal-logħob ġewwa jew minn Malta permezz ta' liċenzja maħruġa mill-Awtorità, jew il-legalità ta' kwalunkwe obbligu legali jew naturali li jirriżulta mill-provvista ta' tali servizzi tal-logħob; (ii) tirrigwarda attività awtorizzata li hija leġittima fit-terminu tal-Att u strumenti regolatorji oħra; u (b) il-Qorti għandha tirrifjuta r-rikonoxximent u, jew l-infurzar ġewwa Malta ta' kwalunkwe sentenza u, jew deċiżjoni barranija mogħtija fir-rigward ta' azzjoni tat-tip imsemmi fis-subartikolu (a).

*Dan il-provvediment tal-Liġi huwa ċar ħafna u l-Qorti hija konxja mid-diversi deċiżjonijiet li ngħataw in materja, uħud minnhom anke ċitati mill-partijiet kontendenti f'dawn il-proċeduri. Iżda, Hija temmen li fil-każ in eżami jissussisti element ferm importanti li fil-fehma Tagħha jimpinġi serjament fuq it-talba avvanzata mis-soċjetà Rikorrenti għat-tħassir u revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 224/2023 a bażi tal-Artikolu 281(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe' li l-Mandat in kwistjoni nħareġ diversi xhur qabel l-introduzzjoni tal-Artikolu 56A fil-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*L-Artikolu 56A tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta ġie introdott permezz tal-Att XXI ta' l-2023 li daħal, fis-seħħ fis-**16 ta' Ġunju 2023**, filwaqt li l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 224/2023 nħareġ fl-**24 ta' Jannar 2023**, ossia kważi sitt xhur qabel.*

*Rinfaċċjata b'din is-sitwazzjoni, is-soċjetà Rikorrenti tikkontendi li dan il-provvediment tal-Liġi, essendo provvediment ta' ordni pubblika, huwa bla dubju ta' xejn applikabbli b'mod retroattiv b'dana għalhekk li jirrendi d-Digriet ta' din il-Qorti datat 24 ta' Jannar 2023 null u bla effett fil-Liġi, bil-konsegwenza li għandu jirriżulta null u bla effett fil-Liġi wkoll il-Mandat in kwistjoni. In sostenn ta' dak minnha affermat, is-soċjetà Rikorrenti għamlet referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Maria Antonia Sciberras et v. Catherine Ebejer et, Citaz. Nru. 2722/96**, deċiża mill-*

*Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Frar 2011, li skontha tikkonferma l-kontestazzjoni tagħha li liġi proċedurali ta' ordni pubblika hija min-natura tagħha retroattiva.*

*Minn konsiderazzjoni akkurata u mhux merament superfiċjali tas-sentenza in kwistjoni, għandu jirriżulta li dak hemm osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili in verità ma jissosstanzjax l-argument tas-soċjetà Rikorrenti kif minnha pretiż, partikolarment fil-kuntest tal-proċeduri odjerni.*

*Il-vertenza in kwistjoni fil-proċeduri "Sciberras et v. Ebejer et", kienet fis-sens li fis-26 ta' Marzu 1996, Ebejer kienu ottjenew sentenza mill-Qorti tal-Appell in segwitu għal appell minn deċiżjoni mogħtija mill-Bord li Jirregola l-kera, bl-imsemmija Qorti komposta kolleġjalment. Sciberras u oħrajn, li kienu l-intimati fil-proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera u li ġie ordnat l-iżgumbrament tagħhom minn proprjetà ta' Ebejer, istitwew proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn talbu illi dik is-sentenza pronunċjata fl-1996 tiġi dikjarata nulla in kwantu l-Qorti tal-Appell li tat dik id-deċiżjoni kif komposta, ossia kolleġjalment, ma kenitx komposta ai termini tal-Liġi, senjatament ai termini tal-Att XIX tal-1993, li kien jipprovdi* inter alia *li appelli minn deċiżjonijiet tal-Bord li Jirregola l-Kera kellhom jiġu trattati u deċiżi mill-Qorti tal-Appell komposta minn Imħallef wieħed.*

*Fil-konsiderazzjonijiet Tagħha dwar il-materja in eżami, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:* Illi apparti milli diversi mill-eċċezzjonijiet mogħtija mill-konvenuti huma validi mil-lat legali din il-Qorti jidhrilha li s-soluzzjoni ta' din il-vertenza li hija waħda purament ta' natura legali temerġi mill-Att Numru XXXII tal-1997. Dan l-Att jipprovdi speċifikatament fil-konfront tal-premessi u talbiet ċitattivi fl-Artikolu 2(1) tiegħu: 2.(1) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 24 tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta Bini, kif emendat bl-Att tal-1993 dwar Emenda fil-Liġijiet dwar Bordijiet, u tal-artikolu 10 tal-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba', kif emendat bl-imsemmi Att tal-1993 dwar emenda fil-Liġijiet dwar Bordijiet, appelli mill-Bord li jirregola l-Kera u mill-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba', appuntati għas-smigħ quddiem il-Qorti tal-Appell, kif ordinarjament magħmula, bejn l-1 ta' Ottubru, 1993 u d-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, għandhom, minkejja li dawn ma ġewx appuntati għas-smigħ quddiem dik il-qorti kif magħmula skont is-subartikolu (6) ta l-artikolu 41 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jitqiesu bħala li ġew validament appuntati u għandhom ikomplu jinstemgħu u jiġu deċiżi mill-imsemmija qorti kif ordinarjament magħmula, u kull appell li jkun ġie hekk appuntat quddiem l-imsemmija qorti, kif ordinarjament magħmula, u li jkun ġie deċiż qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, għandu jitqies bħala li jkun ġie validament deċiż minkejja li l-Qorti tal-Appell ma kinetx magħmula skont ma hemm fis-subartikolu (6) tal-artikolu 41 ta' dak il-Kodiċi." Dan l-Artikolu għandu jitqies bħala wieħed ta' Ordni Pubbliku li l-

leġislatur ħass li kellu jiġi promulgat biex fl-interess tal-ġustizzja jissana ineżatezza minima u żgur li mhux sostanzjali fil-komposizzjoni tal-Qorti tal-Appell fl-appelli mill-Bordijiet imsemmija fl-Artikolu in kwistjoni. Bħala provvediment ta' Ordni Pubbliku u li huwa ta' natura proċedurali dan l-Artikolu għandu jkollu effett retroattiv kif huwa żgur ikkontemplat li kellu jkollu anke mid-diċitura tal-istess Artikolu u għandu jiġi issollevat anke mill-Qorti direttament. F'dan il-forum għalhekk dan l-Artikolu waħdu għandu jwassal għaċ-ċaħda tat-talbiet attriċi. Għal kull buon fini però jingħad obiter illi l-prinċipju ta' dan l-Att ġie kkonfermat mil-lat kostituzzjonali mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet "Grazio Tabone et vs L-Avukat Ġenerali et" deċiża fil-31 ta' Lulju 2000 (Rikors Nru: 660/98).

*Minn dan l-estratt hawn appena ċitat mill-imsemmija sentenza jirriżultaw żewġ fatturi ċentrali li joħolqu distinzjoni netta mal-każ in eżami fil-proċeduri odjerni: (1) l-Artikolu 56A tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta, ċertament ma jidhirx li ġie ntrodott biex fl-interess tal-ġustizzja tiġi ssanata xi ineżatezza minima u żgur mhux sostanzjali fil-materja trattata; u (2) l-Artikolu 56A tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta, u lanqas l-Att XXXI tal-2023 jekk niġu għal hekk, ma fih disposizzjoni u/jew diċitura espressa li turi li dak hemm provdut kellu japplika b'mod retroattiv għal digrieti u/jew deċiżjonijiet mogħtija mill-Qrati Maltin fil-konfront ta' kumpanniji liċenzjati mal-Awtorità dwar il-Logħob dwar materji trattati f'dak l-Artikolu, qabel id-dħul fis-seħħ tal-imsemmi provvediment tal-Liġi.*

*Is-soċjetà Rikorrenti tikkontendi li minkejja l-fatt li l-Artikolu 56A tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta daħal fis-seħħ fis-16 ta' Ġunju 2023, id-Digriet tal-24 ta' Jannar 2023 li bih inħareġ il-Mandat ta' Sekwestru bin-Nuru 224/2023 qatt ma seta' jinħareġ minn din il-Qorti għaliex l-iskop tal-Att XXI ta' l-2023 kien proprio li* jikkodifika f'liġi il-politika pubblika ben stabbilita ta' Malta li tinkoraġġixxi operaturi fis-settur tal-logħob sabiex jistabbilixxu ruħhom f'Malta u joffru l-provvista tas-servizzi tagħhom kemm lokalment kif ukoll f'pajjizi oħra, b'mod li jaderixxu mal-obbligi legali tagħhom skont il-liġijiet ta' Malta, fil-kuntest tal-inkoraġġiment tal-intrapriża ekonomika privata a tenur tal-artikolu 18 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

*Is-soċjetà Rikorrenti donnha tippretendi li l-Qrati Maltin għandhom jagħtu deċiżjonijiet fuq materji pendenti quddiemhom a bażi tal-politika pubblika eżerċitata minn żmien għal żmien, anke jekk tali politika pubblika ma tkunx fiż-żmien tad-deċiżjoni u/jew digriet skont il-każ, kodifikata fil-Liġi u addirittura indipendentement minn dak li tgħid il-Liġi kodifikata. Hawn is-soċjetà Rikorrenti hija żbaljata, u żbaljata bil-kbir!*

*Il-Qrati Maltin jagħtu deċiżjonijiet u/jew digrieti, skont il-każ, a bażi tal-Liġijiet promulgati u kodifikati u mhux a bażi ta' xi tkun il-politika pubblika prevalenti fiż-*

*żmien in kwistjoni. Jekk hemm Liġi li tipprekludi lil xi Qorti milli tindirizza materja partikolari – hekk kif inħoloq bl-introduzzjoni tal-Artikolu 56A tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta mis-16 ta' Ġunju 2023 'l quddiem – allura l-Qorti trid tapplika dik il-Liġi, iżda jekk il-Qorti ma hijiex f'dan is-sens prekluża ċertament ma tistax tkun il-politika pubblika li tiddetta lill-Qorti kif għandha tiddeċiedi fir-rigward ta' materja partikolari. Għal kull buon fini jiġi osservat li għalkemm l-għan tal-Artikolu 56A tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta jidher li huwa bbażat ukoll fuq l-Artikolu 18 tal-Kostituzzjoni, xorta waħda jibqa' l-fatt li l-Qrati jridu jiddeċiedu jew jastjenu milli jiddeċiedu għax preklużi milli jagħtu deċiżjoni f'materji partikolari, a bażi ta' liġijiet viġenti fiż-żmien in kwistjoni u mhux a bażi ta' idejat u/jew ambizzjonijiet fl-isfera tal-politika pubblika.*

*Il-Qorti tosserva, u dan kuntrarjament għal dak pretiż mis-soċjetà Rikorrenti, li l-Artikolu 56A tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta, għad illi provvediment proċedurali ta' ordni pubblika, ma huwiex retroattiv u għaldaqstant ma jistax jirrendi Digriet mogħti qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu fis-16 ta' Ġunju 2023, null u bla effett fil-Liġi.*

*Fir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet* ***Avv. John Buttigieg LL.D. v. Anthony Tabone, Appell Nru. 1003/92****, deċiża fis-27 ta' Mejju 2005, fejn il-materja trattata kienet dwar ir-retroattività o meno tal-Artikolu 1003A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta relattiv għal proċeduri għal disprezz tal-awtorità tal-Qorti, u b'hekk provvediment tal-Liġi ta' indole proċedurali li tikkonċerna materja strettament ta' ordni pubblika.*

*Il-Qorti tal-Appell osservat illi* l-pern tal-kwistjoni hija r-retroattività ta' liġi meta din temenda liġi vigenti. Is-sottomissjoni tal-konvenut hija prinċipalment msejjsa fuq konsiderazzjonijiet ta' ordni pubbliku u inkwantu, kif qed jiġi sottomess, proċedimenti għall-disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti jikkonċernaw strettament materja ta' ordni pubbliku, l-emenda introdotta bl-Att XXIV tal-1995 kellha effett immedjat fuq l-interess ġuridiku tal-attur. Jidher li huwa ġeneralment rikonoxxut fil-ġurisprudenza nostrana li r-regola li għandha tipprevali f'materja ta' retroattività ta' liġijiet hija dik pronunzjata minn din il-Qorti, kif dakinhar komposta, fis-sentenza tas-26 ta' Frar 1954 fil-kawża fl-ismijiet Edgar Baldacchino et vs Onor Dr. Tommaso Caruana Demajo LL.D. ne et." Hemm ġie ritenut li meta f'liġi li toħroġ ma jkunx hemm klawsola retroattiva, u l-kliem tagħha ma jkunux jimporta retroattività, dik il-liġi ma għandhiex ikollha effett retroattiv, lanqas jekk tkun ta' interess jew ordni pubbliku. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tad-29 ta' Ottubru 1959 fil-kawża Joseph Caruana Curran ne vs Anthony Camilleri ne" esprimiet ruħha konformement ma' dan it-tagħlim tal-Qorti tal-Appell meta rriteniet li biex liġi jkollha effett retroattiv, jeħtieġ li dan l-effett jirriżulta b'mod l-aktar ċar u żgur, u għaldaqstant, fid-dubbju għandu jkun eskluż. Il-kunċett ta' retroattività jsib ukoll applikazzjoni f'proċeduri ġja mibdija billi, kif ġie

ritenut f'sentenza tal-Prim'Awla tat-3 ta' Diċembru 1947 fil-kawża fl-ismijiet Dottor Filippo Nicolo Buttigieg et vs Maġġur Gerard C. Gatt R.M.A." fil-każ ta proċedimenti ġa avvjati liġi ġdida ma tistax tkun retroattiva, iżda ir-retroattività għandha xorta waħda tiġi applikata f'proċedimenti ġa avvjati jekk din tkun espressament sancita mill-istess liġi gdida.

*Fis-sentenza fl-ismijiet **Edgar Baldacchino et v. Onor. Dr. Tommaso Caruana Demajo LL.D. ne et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Frar 1954, ingħad espliċitament* hija regola universalment rikonoxxuta li, sakemm il-liġi stess ma tgħidux ċar, il-liġijiet ġodda, ħlief dawk li jirrigwardaw materji proċedurali 'in corso' ma għandhomx forza retroattiva. Jgħid a propositu l-Maxwell (Interpretation of Statutes, 1953 Edition, page 213), fuq l-awtorità ta' ħafna sentenza ta' Qrati Ingliżi: "It is a fundamental rule of English law that no statute shall be construed to have retrospective operation, unless such a construction appears very clearly in the terms of the Act, or arises by necessary and distinct implication." U aktar 'il quddiem l-istess awtur jgħid, fuq l-istess awtoritajiet (p.214): "No rule of construction is more firmly established than this – that a restrospective operation is not to be given to a statue so as to impair an existing right or obligation, otherwise than so regards matters of procedure, unless that effect cannot be avoided without doing violence to the language of the enactment". U fil-pagna 215 dan l-awtur jirrileva illi dina r-regola tapplika b'forza akbar "where the enactment would prejudicially affect vested rights, or the legality of past transactions, or impair contracts". ...Huwa veru illi f'xi deċiżjonijiet tal-Qrati Taljani, riportati fil-Fadda (Giurisprudenza sul Codice Civilie, Disposizioni Preliminari, art. 3) hemm pronunċjat il-prinċipju illi, meta liġi tkun ispirata minn raġunijiet ta' interess pubbliku, allura jista' jkollha effett retroattiv bla ma jkun hemm bżonn klawsola espressa retroattiva: Iżda, hemm numru aktarx akbar ta' deċiżjonijiet fis-sens illi "il principio della irretroattività della legge vale anche per le leggi di ordine pubblico e di interesse generale, u "per regola generale la legge non ha effetto retroattivo, neanche se trattasi di fatti che si connettono con l'ordine pubblico, quando retroagendo lederebbe un diritto quesito". Din il-Qorti hija tal-opinjoni illi, meta ma hemmx klawsola retroattiva u meta l-kliem tal-liġi ma jkunx jimpurtaw retroattività, ma għandux ikun hemm effett retroattiv lanqas jekk tkun materja ta' interess jew ordni pubbliku.

*Kif ingħad iktar 'l fuq, l-Att XXI tal-2023 ma fih l-ebda klawsola retroattiva marbuta mal-Artikolu 56A tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta u d-diċitura tal-istess provvediment tal-Liġi ma hijiex tali li turi li għandu jkollu effett retroattiv. Konsegwentement għalhekk dak il-provvediment tal-Liġi ma jistax jitqies li għandu, u*

*fil-fatt ma għandux, effett retroattiv fir-rigward ta' pronunċjamenti tal-Qrati mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu fis-16 ta' Ġunju 2023.*

*Nonostante dan, is-soċjetà Rikorrenti tikkontendi li l-vertenza bejnha u Daniel Aigner għadha proċeduralment* in corso *in kwantu l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 224/2023 għadu in vigore u konsegwentement għalhekk l-Artikolu 56A tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta għandu jsib applikazzjoni. Hawn però l-imsemmija soċjetà mhux qed tagħmel distinzjoni bejn l-infurzar ta' titolu eżekuttiv, liema nfurzar jista' jsir bis-saħħa ta' wieħed jew iktar mill-atti eżekuttivi elenkati fl-Artikolu 273 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-esekuzzjoni ta' dak l-att eżekuttiv. L-istadju tal-infurzar tal-Ordni ta' Ħlas Ewropea ottenuta minn Daniel Aigner fil-konfront tas-soċjetà Rikorrenti ġie konkluż bil-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 224/2023. Hija l-eżekuzzjoni ta' dak il-Mandat Eżekuttiv li jidher li għadha pendenti f'dan l-istadju iżda, l-eżekuzzjoni ta' Mandat Eżekuttiv ma tistax u ma għandhix tiġi attakkata u/jew imxekkla bil-proċedura kontemplata fl-Artikolu 281(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. In effetti huwa prinċipju ġenerali assodat illi* min irid jattakka l-eżekuzzjoni ta' mandat irid jagħmel dan billi jmexxi bil-proċedura normali maħsuba fil-liġi li tinbeda bir-rikors maħluf ai termini tal-Artikolu 156 tal-imsemmi Kap. 12 (*fn. 5 Rikors Nru. 308/16 fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Eżekuttiv Nru. 510/2016 fl-ismijiet Dr. Georg Sapiano v. Jette Scott, degretat fil-25 ta' Novembru 2016), jew b'rikors fil-każ ta' Mandat Eżekuttiv maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati fil-kompetenza ċivili tagħha,* ***jew*** *bi kwalunkwe rimedju u/jew proċedura oħra potenzjalment applikabbli għat-titolu eżekuttiv partikolari, bħalma nhuwa t-titolu eżekuttiv mertu tal-Mandat ta' Sekwestru in eżami.*

*Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirriżulta li l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-Numru 224/2023 ma fih l-ebda difett fil-forma, ma nħariġx mill-Qorti żbaljata u lanqas inħareġ mill-Qorti b'mod żbaljat jew addirittura kontra d-dettami tal-Liġi in vigore u viġenti fiż-żmien tal-ħruġ tal-Mandat in kwistjoni. Per konsegwenza t-talba tas-soċjetà Rikorrenti in kwantu impostata fuq l-Artikolu 281(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma hijiex ġustifikata u b'hekk ma jistħoqqx li tiġi milqugħa."*

## L-Appell

6. Is-soċjetà appellanta ippreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fid-19 ta' Frar, 2024, fejn talbet għar-revoka tad-digriet tal-Ewwel Qorti, u sabiex tiġi milqugħa t-talba tagħha kif imfissra fir-rikors promotur tagħha tal-15 ta' Jannar, 2024.

Tgħid li l-aggravji tagħha huma dawn: (a) l-artikolu 281 tal-Kap. 12 ma jispjegax kif għandha jiġi mifhum il-kliem *'raġuni valida skont il-liġi';* (b) il-mandat ta' sekwestru għadu viġenti sallum, u mhuwiexx preċiż li jingħad li dan inħareġ diversi xhur qabel ma ġie ntrodott l-artikolu 56A tal-Kap. 583, li u għalhekk ma jistax jiġi kkontestat taħt l-imsemmija disposizzjonijiet tal-liġi.

7. L-appellata noe wieġbet fit-22 ta' April, 2024 fejn hija sostniet li d-digriet appellat huwa ġust, u għalhekk jimmerita konferma għal dawk ir-raġunijiet li hija tfisser fit-tweġiba tagħha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarreġ l-aggravji tas-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti li wassluha għad-deċiżjoni tagħha, u filwaqt li tqis ukoll is-sottomissjonijiet li saru mill-appellata noe. Tgħid li l-imsemmija aggravji ser jiġu trattati flimkien stante l-qofol tagħhom jibqa' dejjem l-applikabilità o meno tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 56A tal-Kap. 583.

9. *<u>L-ewwel aggravju</u>* - filwaqt li s-soċjetà appellanta għamlet riferiment għal osservazzjoni partikolari tal-Ewwel Qorti fejn fissret li *"[i]s-soċjetà rikorrenti donnha tippretendi li l-Qrati Maltin għandhom jagħtu deċiżjonijiet fuq materji pendenti quddiemhom abbażi tal-politika pubblika eżerċitata minn żmien għal żmien...",* sostniet li jirriżulta b'mod ċar li l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-liġi għaliex hija qatt ma ressqet pretensjoni bħal din. Tinsisti li l-argument tagħha dejjem kien li l-infurzar tas-sentenza Awstrijaka jmur kontra l-ordni pubbliku ta' Malta u tissottometti li l-artikolu 281 tal-Kap. 12 mhuwiex limitat għal dawk is-sitwazzjonijiet fejn il-mandat għandu xi difett fil-forma

tiegħu jew jekk dan inħareġ minn xi qorti żbaljata. Hija tgħaddi sabiex tiċċita d-disposizzjonijiet tas-subartikolu 281(1) tal-Kap. 12, u tgħid li fil-każ odjern ir-raġuni valida skont il-liġi rikjest hija l-ordni pubbliku ta' Malta a tenur tal-artikolu 56A tal-Kap. 583. Tirrileva li hija ilha liċenżjata mill-Awtorità tal-Logħob f'Malta sa mill-1 ta' Awwissu, 2018, u bl-ebda mod ma kienet marret kontra l-obbligi tagħha *ai termini* tal-liġi. Dwar it-tħassir tal-mandat in kwistjoni, tissottometti li dan l-aħħar ir-raġunijiet għal dan twessgħu permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati, u hija ssemmi wħud minnhom. Is-soċjetà appellanta tikkontendi li ġaladarba l-liċenzja tagħha kienet sabiex toffri servizzi għal-logħob barra minn Malta, inkluż persuni li jinsabu ġewwa l-Awstrija, skont l-artikolu 56A tal-Kap. 583, u anki tal-Artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-infurzar tas-sentenza Awstrijaka jmur kontra l-ordni pubbliku ta' Malta. Tispjega li f'għajnejn l-Istat Malti l-operat tagħha huwa għal kollox legali *ai termini* tal-liġi, kif ukoll hija l-offerta tal-logħob lil persuni li jinsabu f'Malta u dawk ġewwa pajjiżi terzi. Tikkontendi li l-operat tas-servizzi offruti fil-qasam partikolari jagħmel parti ntegrali mill-ordni pubbliku tal-Istat Malti, u d-disposizzjonijiet tal-artikolu 56A tal-Kap. 583 kienu pprovdew permezz tal-liġi dak li kien l-ordni pubbliku ferm stabbilit hawn Malta, li jinkoraġġixxi operaturi fis-settur tagħha sabiex jistabbilixxu ruħhom f'Malta u joffru s-servizzi tagħhom f'Malta, kif ukoll f'pajjiżi oħra billi jħarsu wkoll l-obbligi tagħhom skont il-liġi Maltija, meħud wkoll in konsiderazzjoni dak li jipprovdi l-artikolu 18 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Kien proprju għalhekk tgħid li r-rikonoxximent tas-sentenza Awstrijaka jmur kontra l-ordni pubbliku.

*<u>It-tieni aggravju</u>* - It-tieni lment tas-soċjetà appellanta huwa li l-effetti tal-mandat in kwistjoni għadhom viġenti sallum, u għalhekk ma kienx korrett li jiġi

kkunsidrat li l-artikolu 56A tal-Kap. 583 ma setax jintuża sabiex l-imsemmi mandat jiġi kkontestat u sussegwentement revokat. Hija hawnhekk tagħmel riferiment għad-digrieti tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-ismijiet rispettivi L-Aukat Marlon Borg bħala mandatarju speċjali ta' **Jan Fila *vs.* BP Group Limited ġja Betpoint Group Limited** u **Florian Kainz *vs.* BP Group Limited ġja Betpoint Group Limited** deċiżi fil-15 ta' Frar, 2024, u tikkontendi li hija sallum għadha tbati mill-effetti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv maħruġ kontriha, liema effetti kienu qegħdin iwasslu għal konsegwenzi serji u preġudizzju ta' natura gravi, li kienu qegħdin dejjem jiżdiedu.

10. Dwar l-ewwel aggravju, l-appellata noe tirrileva li mit-titolu jidher li l-ilment tas-soċjetà appellanta jolqot dak li għandu jikkostitwixxi raġuni valida skont l-artikolu 281 tal-Kap. 12, iżda qabel xejn hija tilmenta wkoll mill-fatt li l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-liġi meta din ikkunsidrat li l-istess soċjetà appellanta kienet qiegħda tippretendi li tingħata deċiżjoni skont il-politika pubblika. Tirrileva li s-soċjetà appellanta tassew hija żleali meta tislet biss dak li jidhrilha mid-digriet in kwistjoni, u kliem l-Ewwel Qorti kellhom jinqraw fil-kuntest tagħhom u b'riferiment għall-Abbozz tal-Liġi Nru. 55 tal-2023 li wassal għall-Att XXI tal-2023. Fid-dawl ta' dan kollu, l-appellata noe tgħid li ma kien hemm l-ebda interpretazzjoni żbaljata tal-liġi kif qiegħda tissolleva s-soċjetà appellanta. Tirrileva li s-soċjetà appellanta saħansitra wkoll b'mod żleali minflok il-kliem tal-Abbozz *'politika pubblika'* kif ripetut fid-digriet, hija tagħmel riferiment għal *'ordni pubbliku'*. L-appellata noe tikkontendi li l-Ewwel Qorti kienet korretta fid-deċiżjoni tagħha għaliex hija ma setgħetx tannulla digriet mogħti validament fejn ma kienitx teżisti l-liġi in kwistjoni, u dan għaliex kien hemm xi politika pubblika dwar il-materja li kienet għadha mhux magħmula

f'liġi. Tgħid li fuq kollox l-argument ta' dak li jikkostitwixxi o meno ordni pubbliku jolqot il-mertu, u għalhekk ma jistgħux jiġu kkunsidrati fi proċeduri taħt l-artikolu 281 tal-Kap. 12. L-appellata noe tissottometti li l-proċeduri odjerni jirrigwardaw Ordni ta' Ħlas Ewropea taħt ir-Regolament UE 1868/2006 fejn mhux possibbli li titwaqqaf l-eżekuzzjoni u r-rikonoxximent tal-imsemmija Ordni abbażi tal-ordni pubbliku ta' stat membru, għaliex dan mhuwiex previst fl-imsemmi Regolament, u dan kuntrarjament għal dak li jipprovdi r-Regolament UE 1215/2012 li jirrigwarda sentenzi esteri. Għalhekk tgħid li din l-ewwel parti tal-ewwel aggravju kienet frivola u vessatorja, u għandha tiġi miċħuda. Tkompli tgħid li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkunsidrat l-għan li għalih ġiet introdotta l-proċedura kkontemplata taħt l-artikolu 281 tal-Kap. 12, u tirrileva li s-soċjetà appellanta hawnhekk qiegħda saħansitra taqbel mal-Ewwel Qorti. L-appellata noe tirrileva li l-imsemmija proċedura hija wkoll ammessa fejn ikun hemm allegazzjoni li l-mandat ikun inħareġ b'mod abbużiv, iżda dan ma rriżultax li dan kien il-każ hawnhekk. In sostenn tal-argument tagħha, hija tagħmel riferiment għall-provvediment li ngħata mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-20 ta' Ġunju, 2012 **fl-atti tar-rikors ta' Rose Holland wara l-mandati ta' qbid eżekuttivi 1817/11 u 1818/11 fl-ismijiet Victor Fenech et *vs.* Anthony Fountaint et**, li tgħid li diġà kellha l-opportunità li tagħmel riferiment għalih fit-tweġiba tagħha quddiem l-Ewwel Qorti. Tgħid li dan ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. *vs.* Alfred Zarb et,** Rik. nru. 10/2021, deċiża fit-28 ta' April, 2021. Dwar ir-riferiment tas-soċjetà appellanta għal dak li ngħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tas-27 20 ta' Marzu, 2020 fl-ismijiet **Vincent Gauci *vs.* Dr. Albert Fenech**, tissottometti li l-argument li qiegħda tagħmel hawnhekk l-imsemmija soċjetà appellanta, qatt

ma sar qabel f'dawn il-proċeduri, iżda f'kwalunkwe każ hija kienet qiegħda tislet biss dak li kien jidhrilha, għaliex wara kollox dawk il-proċeduri ma kienux jirrigwardaw liġi simili għall-artikolu 56A tal-Kap. 583, u lanqas ma kienu jirrigwardaw kwistjoni ta' ordni pubbliku. Madankollu, hija hawnhekk tidħol fil-mertu ta' dik is-sentenza, u tispjega kif il-fatti hawnhekk mhumiex l-istess. Tirrileva li proċeduri bħal dawk odjerni kien saru minn soċjetà oħra bħal dik appellanta bl-isem **Rabbit Entertainment Limited**[1], fir-rigward ta' mandati ta' sekwestru eżekuttivi li kienu nħarġu validament u skont il-liġi qabel id-dħul fis-seħħ tal-artikolu 56A tal-Kap. 583. Iżda tgħid li l-Qorti hemmhekk ukoll ċaħdet it-talba, u qalet li dik is-soċjetà appellanta kellha tipproċedi sabiex tikkontesta l-eżekuzzjoni tal-mandati *ai termini* tar-Regolament (UE) 1215/2012, iżda ma ddikjaratx li l-artikolu 56A tal-Kap. 583 jikkostitwixxi r-raġuni valida skont l-artikolu 281 tal-Kap. 12. Imbagħad għal dak li jirrigwarda r-riferiment tas-soċjetà appellanta għal żewġ digrieti tal-15 ta' Frar, 2024 mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-ismijiet **Florian Kainz *vs.* BP Group Limited u Avv. Marlon Borg noe *vs.* BP Group Ltd**, tissottometti li hija ma kinitx taqbel ma' dak li ġie kkostatat u deċiż minn dik il-Qorti, liema digrieti ma kienux finali stante li kienu ġew appellati. Tikkontendi għal darb'oħra li l-kwistjoni ta' ordni pubbliku li qiegħda tiġi ssollevata mis-soċjetà appellanta *ai termini* tal-artikolu 56A, tolqot il-mertu tat-titolu eżekuttiv, u għalhekk skont il-ġurisprudenza kostanti, ma tistax ukoll tiġi kkunsidrata taħt is-subartikolu 281(1) tal-Kap. 12. L-appellata noe hawnhekk tirrileva li l-Qorti għandha tevalwa skont l-artikolu 56A tal-Kap. 583 sabiex tistabbilixxi *'raġuni valida'* għar-revoka tal-mandat eżekuttiv fejn il-

[1] 978/2023 Marc Windhaber *vs.* Rabbit Entertainment Ltd., 980/2023 Ernst Danner *vs.* Rabbit Entertainment Ltd., u 982/2023 Danijela Todorovic *vs.* Rabbit Entertainment Ltd.

proċedura ma tippermettix evalwazzjoni tal-mertu. Tikkontendi li l-artikolu 56A tal-Kap. 583, li jagħmel riferiment għall-ordni pubbliku, ma jistax japplika fil-kuntest ta' Ordni ta' Ħlas Ewropea fejn dan il-kunċett jew difiża ma jagħmilx parti mir-Regolament 1896/2006, u dan għall-kuntrarju ta' sentenzi li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolament (UE) 1215/2012, fejn l-ordni pubbliku hija difiża f'azzjoni għar-rifjut ta' rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi esteri. Tirrileva li skont ir-Regolament (UE) 1896/2006, l-Artikolu 19 tiegħu jipprovdi li *"Ordni ta' ħlas Ewropea li saret esegwibbli fl-Istat Membri ta' oriġini għandha tiġi rikonoxxuta u infurmzata fl-Istati Membri l-oħra mingħajr il-bżonn ta' dikjarazzjoni ta' esegwibilita' u mingħajr kwalunkwe possibbiltà li jiġi opponut ir-rikonoxximent tagħha",* u dan fejn l-oppożizzjoni li tista' tingħata hija kif imfisser fl-Artikolu 12 tal-imsemmi Regolament li ma jkoprix l-ordni pubbliku. Għalhekk tgħid li l-argumenti u l-provi tas-soċjetà appellanta kellhom jitressqu permezz tal-azzjoni appożita *ad hoc* u mhux f'rikors għar-revoka taħt l-artikolu 281 tal-Kap. 12. Filwaqt li tiċċita dak li qalet l-Awtorità ta' Malta dwar il-Logħob fil-*press release* tagħha tal-24 ta' Awwissu, 2023 sabiex tispjega l-intenzjoni tal-leġiżlatur fir-rigward tal-introduzzjoni tal-artikolu 56A, tissottometti li għalhekk dan l-artikolu ma jinkwadrax taħt il-kliem *'raġuni valida skont il-liġi'* li hija rikjesta taħt l-Artikolu 281 sabiex wieħed jista' jipproċedi għar-revoka ta' mandat eżekuttiv. Tgħid li filfatt hawnhekk l-Ewwel Qorti kienet tatha raġun. Dwar it-tieni aggravju, l-appellata noe tissottometti li l-Ewwel Qorti ġustament iddeċidiet li r-retroattività ma kienitx tapplika fil-każ tal-Artikolu 56A tal-Kap. 583. Tgħid li għalkemm l-imsemmija l-Ewwel Qorti għamlet diversi konsiderazzjonijiet hawn, is-soċjetà appellanta ma ressqet l-ebda appell/aggravju fir-rigward tagħhom u għalhekk dawn għandhom jiġu kkunsidrati finali u definittivi. L-appellata noe

tirrileva li l-uniku riferiment għall-kwistjoni ta' retroattivita' li għamlet is-soċjetà appellanta kienet billi semmiet sentenza li għaliha sar riferiment f'proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-ismijiet rispettivi **Florian Kainz *vs.* BP Group Limited u Avv. Marlon Borg noe vs BP Group Ltd**. Għal dak li jirrigwarda l-argument ta-soċjetà appellanta dwar l-effetti tal-mandat in kwistjoni, l-appellata noe tirrileva li din hija l-ewwel darba li kien qiegħed isir dan l-argument u għalhekk ma setax jitressaq issa f'dan l-istadju tal-proċeduri.

11. Il-Qorti tgħid li l-argumenti miġjuba mis-soċjetà appellanta ma jiswewx sabiex jikkonvinċuha li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti mhiex tajba. Qabel xejn, l-imsemmija l-Ewwel Qorti għarfet korrettement li l-proċeduri odjerni jistrieħu fuq l-artikolu 281 tal-Kap. 12, u dan fejn is-soċjetà appellanta stess fir-rikors promotur tagħha ddikjarat li *"dan ir-rikors qiegħed isir ai termini ta' l-artikolu 281(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta".* Irrilevat li l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv in kwistjoni kien inħareġ abbażi ta' Ordni ta' Ħlas Ewropea *ai termini* tas-subartikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 1896/2006, li ngħatat favur is-sekwestrant kontra s-soċjetà appellanta mill-Qorti ġewwa Vienna fit-18 ta' Frar, 2022, u li din kienet ikkunsidrata bħala titolu eżekuttiv eżegwibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 1896/2006. L-ewwel Qorti hawnhekk ukoll ikkunsidrat il-provvedimenti tal-Artikolu 21 tal-imsemmija Regolamenti li jipprovdi dwar l-Infurzar ta' Ordni ta' Ħlas Ewropea. Il-Qorti hawnhekk tirrileva li dan kollu ma jidhirx li ġie kkontestat mis-soċjetà appellanta. Imbagħad l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex ikkunsidrat id-disposizzjonijiet tal-artikolu 376 tal-Kap. 12, li jelenka d-dettalji li għandu jkun fih ir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv sabiex dan ma jitqiesx null. Irrilevat li fil-każ odjern ir-rekwiżiti ta' dawn id-disposizzjonijiet, u anki dawk tar-Regolament (UE)

1896/2006, kienu ġew imħarsa u għalhekk ma kien hemm l-ebda difett fil-forma u lanqas ma kien il-każ li l-mandat inħareġ minn Qorti żbaljata.

12. Hija qalet li madankollu l-argument tas-soċjetà appellanta kien li dik l-Ewwel Qorti ma setgħetx toħroġ il-mandat in kwistjoni stante dak li jipprovdi l-artikolu 56A tal-Kap. 583. Wara li ċċitat id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, l-ewwel Qorti ddikjarat li dawn huma tassew ċari, u hija kienet ukoll taf bid-diversi deċiżjonijiet li kienu ngħataw dwar il-materja.

13. Ikkunsidrat li madankollu fil-każ odjern kien hemm element ferm importanti li kien jolqot it-talba tas-soċjetà appellanta kif imsejsa fuq is-subartikolu 281(1) tal-Kap. 12. Irrilevat korrettement li l-mandat ikkontestat kien inħareġ diversi xhur qabel l-introduzzjoni tal-artikolu 56A tal-Kap. 583, u filwaqt li għarfet li d-dispożizzjonijiet tiegħu ma kienux retroattivi, hija sewwa stqarret li dawn ma jistgħux ikollhom l-effett ta' nullità fuq id-digriet għall-ħruġ tal-mandat.

14. L-Ewwel Qorti hawnhekk sewwa għamlet meta skartat ir-riferiment tas-soċjetà appellanta għas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla, mogħtija fis-16 ta' Frar, 2011 fl-ismijiet **Maria Antonia Sciberras et *vs.* Catherine Ebejer et**, Citaz. Nru. 2722/96, filwaqt li fissret sew ir-raġunijiet tagħha li l-Qorti tgħid li huma tassew fondati. Hija sewwa għamlet ukoll meta skartat l-argument tas-soċjetà appellanta li l-iskop tal-Att XXI tal-2023 kien sabiex jagħmel liġi il-*"politika pubblika ben stabbilita ta' Malta li tinkoraġġixxi operaturi fis-settur tal-logħob sabiex jistabbilixxu ruħhom f'Malta",* filwaqt li saħqet b'mod kategoriku li l-Qrati Maltin jiddeċiedu skont il-każ, u abbażi tal-liġijiet *in vigore* u mhux skont il-politika pubblika ta' dak iż-żmien tal-kwistjoni. Hawnhekk il-Qorti ma tistax

toqgħod lura milli tgħid li tikkondividi b'mod sħiħ il-fehma tal-Ewwel Qorti, u tgħid li tassew is-soċjetà appellanta donnha qiegħda tissuġġerixxi li l-Qrati għandhom joqgħodu fuq il-ħsieb tal-Eżekuttiv, minflok li jiddeċiedu skont il-liġijiet viġenti. Dan ma jista' jwassal għall-imkien, għajr għal inċertezza u arbitrarjetà assoluta.

15. L-Ewwel Qorti għalhekk tajjeb għarfet li anki jekk l-għan tal-artikolu 56A tal-Kap. 583, huwa msejjes fuq l-artikolu 18 tal-Kostituzzjoni, il-Qrati għandhom jiddeċiedu skont il-liġijiet viġenti fiż-żmien in kwistjoni, u mhux abbażi ta' idejat u/jew ambizzjonijiet fl-isfera tal-politika pubblika. L-Ewwel Qorti hawnhekk għamlet riferiment u ċċitat estensivament mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Avv. John Buttigieg LL.D. *vs.* Anthony Tabone**, App. 1003/92 deċiża fis-27 ta' Mejju, 2005, u anki s-sentenza tal-istess Qorti fl-ismijiet **Edgar Baldacchino et *vs.* Onor. Dr. Tommaso Caruana Demajo LL.D. ne et** deċiża fis-26 ta' Frar, 1954, sabiex tispjega u ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha. Fid-dawl ta' dak li ngħad mill-Qorti tal-Appell f'dawn is-sentenzi, l-Ewwel Qorti kkunsidrat li l-Att XXXI tal-2023 ma kien fih l-ebda klawsola retroattiva fir-rigward tal-applikazzjoni tal-artikolu 56A tal-Kap. 583, u anki d-diċitura ta' dan l-artikolu ma kienitx tagħti x'jifhem li kellu jkollu effett retroattiv. Għalhekk qalet li ma kellux jiġi kkunsidrat li l-artikolu 56A tal-Kap. 583 għandu effett retroattiv fir-rigward ta' dak li seta' ġie ppronunzjat mill-Qrati qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu fis-16 ta' Ġunju, 2023.

16. Fl-aħħarnett, l-Ewwel Qorti kkunsidrat l-argument tas-soċjetà appellanta li l-vertenza mhijiex magħluqa bejnha u l-appellata noe, u għalhekk l-artikolu 56A tal-Kap. 583 huwa applikabbli fir-rigward tagħha. Iddikjarat korrettement li

hawnhekk is-soċjetà appellanta mhijiex qiegħda tagħmel distinzjoni bejn l-infurzar ta' titolu eżekuttiv li jista' jsir permezz ta' xi wieħed jew iktar mill-atti elenkati fl-artikolu 273 tal-Kap. 12, u l-eżekuzzjoni tal-att eżekuttiv. Qalet li l-infurzar sar permezz tal-ħruġ tal-mandat in kwistjoni, iżda l-eżekuzzjoni għadha ma ngħalqitx. Kompliet tgħid li madankollu din ma tistax tiġi attakkata u/jew imxekkla taħt il-proċedura maħsuba fis-subartikolu 281(1) tal-Kap. 12, iżda skont il-prinċipju ġenerali assodat dan kellu jsir permezz ta' rikors maħluf taħt l-artikolu 156 tal-Kap. 12, jew b'rikors jew permezz ta' kull rimedju u/jew proċedura oħra li jistgħu jkunu applikabbli.

17. Il-Qorti tikkondividi bi sħiħ dawn il-ħsibijiet tal-Ewwel Qorti, u tagħmilhom tagħha. Iżżid tgħid biss li għalhekk l-argumenti kollha miġjuba mis-soċjetà appellanta taħt l-ewwel aggravju tagħha kif marbuta mal-prinċipju tal-ordni pubbliku taħt l-artikolu 56A tal-Kap. 583, ma jistgħux ireġu ġaladarba ma tapplika l-ebda retroattività ta' dan l-artikolu fil-konfront tal-mandat in kwistjoni. Barra minn hekk, kif sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti, il-proċedura li kellha tiġi segwita mis-soċjetà appellanta ċertament ma kellhiex tkun dik ikkontemplata taħt is-subartikolu 281(1) tal-Kap. 12, li hija maħsuba għal ċirkostanzi oħra u mhux dawk ċirkoskritti taħt l-artikolu 56A tal-Kap. 583. Din il-Qorti filfatt tagħraf li l-Ewwel Qorti setgħet faċilment waqfet hemm mingħajr ma kkunsidrat il-kwistjoni tar-retroattività o meno tal-artikolu 56A tal-Kap. 583.

Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-aggravji tas-soċjetà appellanta ġustifikati, u sejra tiċħadhom.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell odjern, filwaqt li tikkonferma d-digriet tal-Ewwel Qorti fl-intier tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**